# IL-MALTI
## QARI

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

KULL TLIET XHUR

IS-SEBGĦA U ERBGĦIN SENA

1971

Veritas Press
Żabbar
MALTA — 1971



Franġisku Saver Caruana

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ MARZU

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI** 1971


## GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA

*Din is-sena, 1971, hi għażiża għalina l-Membri tal-Akkademja, għax issarraf nofs seklu ta' ħajja tal-"Għaqda" tagħna; u għandna biex nifirħu u niftaħru għax dawn il-ħamsin sena l-"Għaqda" ma għaddithomx bierda u bla ħeġġa, imma kienet mill-aktar bieżla u ħarkiena u qalbiena.*

*Kienu ħamsin sena ta' ħidma qalila, ta' qtigħ il-qalb, ta' tgħajjir u tmaqdir, imma kienu wkoll snin ta' thejjija għal rebħa kbira b'risq l-ilsien tagħna, rebħa li dawk ta' qabilna kienu tant xtaqu u tant ħolmu biha.*

*"Il-Għaqda Tal-Kittieba Tal-Malti" kienet imwaqqfa fl-1921 minn irġiel għorrief intellettwali u kapaċi, imma fuq kollox onesti u patrijotti. Il-ħsieb tagħhom kien li jqiegħdu l-ilsien Malti fil-post li jistħoqqlu f'dawn il-Gżejjer tagħna. Dan kien it-tir waħdieni ta' moħħhom u għalhekk tħabtu u ħadmu u studjaw.*

*Huma wettqu l-ħidma tagħhom bla mibegħda lejn ħadd, bla ma saru għedewwa ta' ħadd, imma minkejja ta' hekk, iltaqgħu ma' twegħir u tfixkil, ma' tmaqdir u żeblíħ; iżda billi l-kawża tagħhom kienet ġusta u raġunata, u fuq kollox, billi wara l-ewwel Kostituzzjoni tal-Awtonomija tal-1921, il-poplu kien stenbah u beda jiftaħ għajnejh u jifhem x'kienu d-drittijiet u l-ħtiġijiet tiegħu, il-ħidma tal-Fundaturi tal-"Għaqda" seħħet; iż-żerriegħa li żergħu sabet art tajba, rabbiet il-għeruq, ixxettlet u kibret u saret siġra li taħtha sab kenn dak kollu li hu ta' ġieħ jew ta' fejda għall-Malti.*

*Mhux ħsieb tagħna f'dawn l-erba' kelmiet li ngħidu kulma sar u kulma ġara bis-saħħa tal-"Għaqda", f'dan in-nofs seklu li għadda mit-twaqqif tagħha. Il-ġrajja u l-ħidma tagħha llum jagħmlu sehem mill-istorja ta' Malta, u meta jinġabru, jixħtu dawl mhux biss fuq it-taqbida għar-rebħa tal-Malti, imma aktar fuq l-isvilupp intellettwali Malti fil-Gżira ta' Malta.*

*Meta l-Fundaturi tal-"Għaqda" stabilew għamla xjentifika ta' ortografija, fit-18 ta' Diċembru 1921, huma kienu xeħtu s-sisien ta' pont li minn fuqu għaddew żewġ triqat: waħda mnejn għadda l-*

*ilsien Malti biex wasal fejn hu llum, l-oħra mnejn imxiet il-letteratura Maltija biex telgħet u laħqet il-livell għoli li qiegħda fih issa.*

*Ħalli nagħtu ħarsa ħafifa fuq il-Malti fejn jinsab illum bis-saħħa tal-"Għaqda" u bil-ħidma ta' dawk li waqqfuha, kif ukoll ta' dawk li ġew warajhom u żammew tħeġġeġ il-fjamma tal-imħabba lejn l-ilsien art twelidna. F'dan in-nofs seklu, l-ilsien Malti ħareġ mir-rokna mwarrba fejn kien mitluq qabel, u daħal fil-Parlament, fil-Qrati, fl-Amministrazzjoni tal-Gvern; ħarġu mijiet ta' kotba, gazzetti u perjodiċi bil-Malti, u llum kollha miktubin bl-ortografija tal-"Għaqda". Il-Malti daħal bħala lingwa fl-Università fejn hemm mhux biss kattedra, iżda wkoll dipartiment tal-Malti, li hu wieħed mid-dipartimenti l-aktar attivi u l-aktar awtorevoli. Fuq kollox f'din is-sena li aħna fiha, il-ħamsin waħda ta' ħidma bla heda, kellna x-xorti naraw il-Gvern jemenda l-kostituzzjoni ta' l-Università biex stabilixxa l-Malti bħala lingwa uffiċjali tal-Università. Hekk, kif konna xtaqna, il-Malti ħa postu u jeddu fl-ogħla ċentru kulturali ta' Malta.*

*Dawk il-qalbiena li ħamsin sena ilu waqqfu l-"Għaqda", min jaf kemm kienu jifirħu kieku llum kienu magħna jaraw kemm seħħet dik ix-xirka li għaqqdu huma. Dik il-"Għaqda" tagħhom, li bdiet mriegħxa, kibret u għoliet, ġibdet lejha l-intelliġenza tal-Gżira, ħaddnet l-aqwa kittieba ta' pajjiżna, laħqet il-grad ta' Akkademja u saret magħrufa fost iċ-ċentri kulturali Maltin u barranin.*

*Madankollu l-Akkademja ma streħitx wara s-suċċessi li kellha; hi baqgħet timxi 'l quddiem fit-triq li fetħu Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm Psaila, Ninu Cremona, Temi Zammit u l-Fundaturi l-oħra tagħha; il-perjodiku tagħha, "Il-Malti", qatt ma falla ħarġa, anqas fl-eqqel snin tal-gwerra, matul is-sitta u erbgħin sena li ilu joħroġ, u llum hu l-anzjan fost il-perjodiċi ta' Malta. Il-Membri tagħha baqgħu jaħdmu bis-sħiħ, iżda bla għaġeb u ftaħir, biex igħollu l-ilsien Malti dejjem aktar 'il fuq u biex iseddqu l-letteratura Maltija, u baqgħu jikkorrispondu ma' għorrief, studjużi u skulari; il-kelma tagħhom hi stmata għax hi kelma ta' rġiel li jaħdmu għal kawża nazzjonali mhux għall-interess partikulari, tant hu hekk li l-Awtoritajiet tal-Gvern u tal-Knisja, ħafna drabi jfittxu l-pariri tal-Membri Akkademiċi, u jdaħħluhom f'kumitati u kommissjonijiet uffiċjali.*

*L-Akkademja bdiet tiċċelebra din is-sena ta' Ġublew Tad-Deheb tagħha billi f'Jannar ħadet sehem f'konferenzi internazzjonali bħala korp mhux anqas minn korpijiet kulturali li ltaqgħu mid-*

*dinja kollha. Hi bagħtet Delegat fil-Konferenza Internazzjonali li ltaqgħet f'Ġammajka, u Membru Akkademiku ieħor kien ħa sehem fil-Kumitat dwar l-Edukazzjoni, imlaqqa' mill-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasburgo fl-aħħar tas-sena l-oħra. Huma għamlu diskorsi li kienu milqugħin tajjeb u meqjusin mhux anqas minn ta' oraturi oħrajn.*

*L-ewwel President tal-"Għaqda", il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, fl-editorjal ta' l-ewwel ħarġa ta' "Il-Malti", li deher fl-1925, kiteb hekk: " . . . . irridu biss, b'fehma safja u sħiħa, nagħmlu kemm nifilħu biex neħilsu mill-għajb li fih jinsab l-ilsien Tassbejħa fost is-sbieħ, Art li bennitna!"*

*Kittieb ieħor li iffirma P. (Mons. Pawl Galea) f'dak l-ewwel ħarġa ta' "Il-Malti", fisser fi ftit kliem x'kienet il-fehma ta' dawk li waqqfu l-"Għaqda". Hu kiteb hekk: "Naħdmu flimkien annuna u, hekk bħalma għamlu ġewwa pajjiżi oħra, aħna natu lil ilsienna dak is-sebħ li jistħoqqlu biex dejjem iżjed tiġi mwettqa l-ħolma ta' dawk kollha li jħobbu tassew lil Malta u dak kollu li hu biss u tassew tagħna."*

*Dawn iż-żewġ fehmiet baqgħu jħeġġu fl-imħuħ tal-Membri Akkademiċi, u l-Akkademja qatt ma ċaħdet il-ħsieb tal-Fundaturi tagħha, imma l-aqwa ġieh tagħha kienet ix-xejra li qajmet għall-kitba bil-Malti. Ħafna mill-kittieba magħrufin tallum iddakkru minn oħrajn ta' qabilhom, u huma nfushom qegħdin jagħmlu ħila lill-kittieba żgħażagħ, ħalli dawn 'il quddiem imexxu l-bandiera tal-Akkademja. Dan hu rahan għażiż u ta' fejda, u filwaqt li aħna nfakkru u nweġġħu bil-qima u bl-umiltà lill-Akkademiċi ta' qabilna, nagħmlu fehma qawwija li ma nkunux ta' għajb lill-ħsieb nobbli li huma kellhom. Ningħaqdu lkoll flimkien ħalli r-rebħiet li għamlet l-Akkademja f'dawn il-ħamsin sena ta' ħajja, jkunu 'Auspicium melioris aevi'.*

*Din is-sena ta' Ġublew tad-Deheb ġibetilna mhux biss ferħ u hena għan-nofs seklu ta' ħidma wtiqa u fejjieda, iżda wkoll niket u għali għax ħadet minn fostna żewġ Membri Akkademiċi l-aktar għeżież u l-aktar maħbuba.*

*Is-Sur Franġisku Saverju Caruana li miet fil-25 ta' Jannar, 1971 u l-Monsinjur Professur Dun Pietru Pawl Saydon li ħalliena*

*Is-Sur F. S. Caruana kien wieħed mill-Fundaturi tal-'Għaqda', anzi kien hu li xandar is-sejħa biex tlaqqa' lil dawk li kienu jħobbu l-Malti biex flimkien igħaqqdu x-xirka tagħhom.*

*Monsinjur P. P. Saydon kien Membru Akkademiku mill-aktar*

*anzjan. Hu ssieħeb fl-"Għaqda" ftit wara li twaqqfet, malli hu reġa' lura f'Malta mill-istudji tiegħu f'Ruma. Kien bniedem intellettwali li għamel ġieh lil pajjiżu u wkoll għamel isem fost il-għorrief barranin. Il-kontribut tiegħu b'risq il-Malti u l-letteratura Maltija, hu bla qies.*

*F'din il-ħarġa qegħdin inġibu studju interessanti ħafna u tagħrif siewi dwar is-Sur F. S. Caruana, miktub minn wieħed jiġi minnu, li hu wkoll magħruf bħala kittieb tajjeb.*

*F'ħarġa oħra bi ħsiebna nxandru fit-tul tagħrif dwar Monsinjur Saydon u l-ħidma tiegħu.*

---

## "WEĠGHA U SOGHBA"

**Ta' Rodrig Bovingdon**

U l-qalb tiftakar
il-kelma jiebsa, li toħroġ
minn fomm imwaġġa'
ta' qalb oħra;
li tnissel id-dieq
mill-għannieq tad-dwejjaq tagħha.
U jingħaqdu ż-żewġt iqlub
F'bikja ta' mħabba, ta' maħfra.
Jintesa għal kollox l-għemil
u jordom miegħu,
ħażen il-fehma
Iżda l-għelma ħajna
tissokta rieqda;
bħalma jibqgħu x-xquq
fuq xaqqufa li,
tissewwa wara l-ksur;
u qalb il-warrani tolfoq fin-niket.
Hekk fid-dalma tal-ħajja; il-qalb
titlob oħra l-faraġ;
u l-għajta,
għall-għaqda tal-bnedmin
tinħass ġejja
mill-eħrex ruħ

---

**Errata Corrige**

L-istudju fuq "**Il-Qwiel u Ħajjitna ta' Kuljum**" li deher fil-paġna 74 tat-Tielet Ktieb (Settembru) 1970, kien miktub mis-Sur Alfie Guillaumier, mhux mis-Sur Alfred Massa.

# TIFKIRA

*Biex tibqa' tifkira tas-sehem li ħadet l-Akkademja f'egħluq il-ħamsin sena tagħha, meta kienet mistiedna biex tibgħat Rappreżentant tagħha għal "Caribbean Conference on Commonwealth Languages and Literature" li ltaqgħet fil-Ġammajka f'Jannar ta' din is-sena 1971.*

*Id-delegat tagħna, il-Professur Ġuże Galea, għamel dan id-diskors li qegħdin nistampaw hawn u li kien milqugħ tajjeb ħafna tant li qajjem diskussjoni li damet sejra nofs ta' nhar sħiħ.*

# The Cultivation and Familiarization of Vernacular Languages in the British Commonwealth

Language is the means of communication between peoples, and literature is the expression of their thoughts; both of them constitute an element of consolidation for the human race.

Every human being is endowed with an elaborate organic system for the production of phonetic sounds which, according to their inflection and rhythm, express mental concepts, and are translatable into ideas for interchange of human contacts, friendships and understanding.

Practically every nation and every race have their own vernacular language which in itself imprints a mark of identity on the people that speak it. Most of the languages have been cultivated and have reached a literary standard, but there are some others which are still in the primitive form and as yet undeveloped from an academical or scholastic point of view.

It is now the stated policy of every Government to conserve and cultivate the national tongue of the people because it is their spontaneous expression, and it is also the most effective means of keeping them united in a spirit of brotherhood and solidarity in whatever part of the world they happen to be.

It is therefore most appropriate that Governments should resognise and support their native language, but official recognation is not enough. It is incumbent on every Government to foster the language of the people, to adopt it as an instrument of administration, to make use of it in public relations and to promote its study and culture so as to raise and enchance its literary value.

Literature is a most valuable asset of which every civilised country

should be proud. It sheds lustre on a nation, and in a way, it is a yardstick by which the progress and civilisation from a generation to another, are assessed.

True literature is the reflection of the soul of a nation; it represents the philosophy of life of the multitude of citizens, their national traits, their inner conflicts, their response to current stresses and strains, their social behaviour. As such it is a valid document of human life related to a particular nation or country.

An author of sound literary work may be considered as a master or prophet, as an accuser or defender, as a patriot or an iconoclast, but he is always a national image. He may be criticised, he may be abused, but most often he is praised and respected for whatever his theme might be, his sincerity and his conviction are hardly ever placed in doubt.

It is nowadays taken for granted that every State should encourage and promote fine arts in its country, and as literary efforts are motivated by a sense of artistic endeavour, authors and writers, should be encouraged and helped and assisted not only morally but also materially if need be.

The promotion of literary work deserves official support not only for reasons of national prestige, but also for its beneficial influence on international relationship. I have already mentioned that true literature is an expression of the soul of man, and, as in the heart of every human being there is a harkening for justice and peace and beauty and love, irrespective of the race, colour or creed, the expression of such feelings within the heart of men belonging to different races and nationalities within the Commonwealth, would engender mutual esteem and respect, and also motivate some sort of approach in international spheres and draw together the powers that be ito an ecumenic dialogue.

A sure way of ensuring co-operation and interchange in the literary spheres, is by rendering into a common denominator selected literary works written in the various languges of the peoples of the nations forming the Commonwealth.

The countries of the Commonwealth are in a favourable position, perhaps more than other countries, to exchange between themselves the fruit of their respective literary achievements. This could be done by translation of select literature of each country into English, which is the common languge of the Commonwealth. In this way the literary heritage of each Member of the Commonwealth will become known

and appreciated by other fellow Members through its rendering in a common form.

As a result each nation will have a clearer image of the other nationalities of the Commonwealth with a consequent closer contact and increased co-operation between nations and citizens of the Commonwealth.

# TA' MIN KULTANT JIFTAKAR

**Ta' Wallace Ph. Gulia**

Lill-Maltin mitwielda
wara l-1940.

Ma nafx jekk kienx April jew kienx Ottubru,
naf biss li l-jum kien twil, qarib il-għabex,
u jien kont miexi biex inberred rasi
minn jum ta' qari tqil, ta' studju iebes,
mit-triq ta' Ħaż-Żabbar għal ġo Ħal-Qormi:
X'ħin fil-wita wsalt qabel nieħu n-niżla
sejħet b'tinwiħa mad-dwar is-sirena
li ġġiegħlek taħrab qabel jaqa' l-bini.
Jien f'leħħet berqa ħsibt li nibqa' għaddej;
jekk kenn neħtieġ, nistkenn ma' zokk ta' siġra;
għax f'dak il-beraħ biss xi tir tistenna
tal-għadu li kien sar is-sid tas-sema
mhux tfigħ ta' bombi ġo l-egħlieqi mferrxa.

Dak kien iż-żmien li l-ġuħ kien fl-aqwa tiegħu;
l-egħfiered għaddejjin konna drajniehom;
kif drajna wkoll ix-xeħħa fl-isparar
għax ma kienx fadal biex nisparaw fl-ajru;
u jekk kien baqa' ajruplani tagħna
ma kellniex għalf biżżejjed biex jitilgħu.

X'ħin wasalt hemm fejn tibda sew in-niżla
kont qisni xi sultan li jista' jħares
għal fuq il-firxa t'artijietu, kburi!
Ħal Qormi, l-Marsa, l-Port il-Kbir, il-Belt.
Ħemda fuq l-art... twerdin, twerdin fis-sema,
bl-egħxieren bdew għaddejja minn fuq rasi

il-**Junkers** Ġermaniżi fl-aqwa tagħhom
bil-ħalfa illi jfarrku dak li baqa'
fil-Port il-Kbir, fejn kienet ġriet il-kelma
li dieħel **convoy,** jerġa' jagħti n-nifs
lill-Gżira li kulħadd imwerwer stenna
minn ħin għal ieħor tgħajjat: "S'hawn wasalt!"

Waħidhom kienu l-**Junkers;** kont tistħajjel
liż-żgħażagħ sbieħ ta' fuqhom ferħanin
għax kollox tagħhom; kull ma jridu jagħmlu;
kif iridu jtiru, fl-għoli jew fil-baxx,
slaten tas-sema bdew jogħdsu w jitilgħu,
bħal żgħażagħ ferħanin li qed jiftaħru
bis-sengħa tagħhom sew fil-qbiż ġol-baħar.

U taħt saqajja bdiet titriegħed Malta
bit-tunnellati tqal ta' ħadid jikwi
mitfugħ ġo żaqqha. Dħaħen, dħaħen telgħu.
suwed u bojod, fl-aħħar tal-ħamrija.
Ma' kull tregħida qisek tħoss il-weġgħa
ġol-għadam tiegħek qrib l-inżul fil-qabar.

'Mma f'daqqa waħda s-sema fuq il-Port
imtela sħajbiet żgħar għax ftaħna n-nar.
Xi wieħed li kien nieżel ħadha f'wiċċu
u baqa', baqa', nieżel; ieħor qabad;
kulħadd imħarbat; u fuq is-sħab dehret
miġemgħa ta' **Spitfires!** Waqqfu n-nar
u niżlu kollha għal **Junkers** iddisprati —
Zalzett, zalzett għamluhom, ħerba sħiħa.
M'għajjatx bil-ferħ, ma rasi kburi rfajt:
IĊ-ĊAHDA TA' żgħożiti kienet tiswa,
għalxejn le kienet, beda kien il-bidu...

U llum li f'għomri kelli daqs min kellu
il-morr u l-ħelu, nemmen dak il-waqt
kien l-aqwa wieħed f'ħajti, il-quċċata!
L-ebda waqt ieħor dak il-waqt ma jisboq.
Nizzik ħajr, Mulej għalih, nizzik ħajr!

30/12/'70

# FRANĠISKU SAVERJU CARUANA

(1899-1971)

Ta' J. P. VELLA

## Daħla

Kont ili xi żmien immur il-Liċeo meta fl-istudju ta' zijuwi rajt ritratt antik, li fih kien jidher Dun Karm, li għaraft mill-ewwel, u nies oħra, fost-hom l-istess ziju, li fir-ritratt jidher bħala F.S. Caruana, Segretarju. Kien dak in-nhar li l-ewwel darba sirt naf li zijuwi kien wieħed minn ta' l-ewwel li stinka kemm felaħ biex ikollna lingwa tagħna, mibnija fuq sis-tema ta' alfabet, ortografija u grammatika uniformi. Qabel huwa qatt ma qalli xejn fuqu nnifsu, u sa mewtu qatt ma tani ħjiel sewwa ta' għemilu. Tul is-sigħat li għamilt ħdejn soddtu, tul l-agunija twila tiegħu, iz-zija wrietni fejn kien iżomm xi noti personali tiegħu; u kien waqt l-aħħar si-għat ta' ħajtu li jiena stajt inqalleb xi ftit u nsir nafu aktar. Saver kien dejjem ġwejjed, u miet umli daqs kemm għex.

## L-ewwel Pass

Sibt manuskritt li ser nikkwota minnu kelma b'kelma, għax għalija mhemmx isbaħ minn awtobijografija, kif inhu possibbli f'dan il-kas.

"Jiena bdejt nikteb xi ħaġa bil-Malti meta kien għad għandi xi 17 jew 18-il sena; dan kien għall-ħabta tal-1918. Kont bdejt nikteb xi poeżi-ja u nittraduċi xi aħbarijiet għall-perjodiku l-"Habbar" ta' Sant Antnin ta' Padova. Dik il-ħabta kont ma' zijuwi li kien ħajjat quddiem il-Knisja ta' San Franġisk ta' Puturjal u hekk kont midħla sewwa tal-Patrijiet. Id-Direttur ta' dak il-perjodiku, Patri Tonin Buhagiar, kien ħajjarni nikeb xi ħaġa u hemm bdiet in-namra tiegħi" (1)

Naturalment, il-persuna ma tistax tinqata' miż-żmien li fiha tkun tgħix, u biex tistudja lil Caruana trid tkun taf il-qagħda tal-Malti f'dak iż-żmien. Jiena nħoss li Caruana ġie fi żmien meta beda ġa jinħass qaw-mien ġdid fil-kuxjenza tal-poplu dwar l-ilsien vernakulari. Caruana ħares lejn il-kitba tal-Għaqda Xemia u ra li f'dak l-istess żmien kien qiegħed jikteb kif iħossha u kif irid hu. Kien dan li inkwetah u ġagħlu jikteb l-ittra li wasslet għall-qawmien ta' l-Għaqda li ħarġet b'ortografija ġdida. Caruana jista' jiġi studjat biss jekk wieħed jara x'kien hemm qablu, il-grammatika li kiteb hu, u l-Malti kif inhu miktub il-lum. Franġisku Saver

Caruana jitwieled u jgħib f'dawn iż-żmenijiet imsemmija.

Bħalma għidt, ser nikkwota mis-SEBĦ, QARI BIL-MALTI MIKTUB MIX-XIRKA XEMIA; jiddispjaċini li ċerti aċċenti u sinjali fuq xi ittri ma nistax nagħmilhom għax ma jeżistux fl-istampa tal-lum.

Din in-nota tidher fil-ħarġa L-Għad V, I Sena, 16 ta' Settembru 1884:

**Xi tibdil mill-kitba ta' dari:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| C | c — ċapċap | dari | ciapciap | |
| K | k — kenn | „ | chenn | |
| J | j — joljol | „ | giolgiol | |
| G | g — gendus | „ | ghendus | |
| G | g — geneb | „ | gheneb (l-G u g b'sinjal fuqhom) | |
| Q | q — qam | „ | kam | |
| Y | y — yaf | „ | jaf | |
| W | w — liwi | „ | liui | (2) |

Il-bidla fl-ortografija bdiet il-mixja tagħha, imma kienet mixja għamja u ma kienx hemm għaqda fost l-istess kittieba. Fi ktieb ieħor li jiena sibt fi'l-kollezzjoni taz-ziju, "Qari għall-Maltin — Maħruġ mix-Xirka Xemia. 1885," hemm il-poeżija magħrufa "Katrin tal-Imdina" li l-bidu tagħha jidher hekk:

**Katrin tal Imdina**

Isimgu dil jrayya,
U żommu b'tifkira
Il gors ta' zeuj gonya
Mill akbar tal Gzira
Nofs Malta bi hjarha
Biex tara 'l Katrina
Itteyyej mal Ħakem
Tmur bikri l-Imdina. (3)

Ta' min jinnota li waqt li **tal Imdina** mhix magħquda bl-artiklu, dan jidher fl-aħħar kelma: **l-Imdina.** In-nuqqas ta' qbil huwa aktar ċar. Jekk fil-bidliet imsemmija fuq, l-j ħadet post l-g (giolgiol), allura diffiċli taqra l-aħħar kelma tas-sentenza li ġejja, meħuda mill-istess ġurnal:

1678 — Il-playya ta' Malta ntliet bil **jrati.** (4)

**Ħtieġa ta' Ortografija**

Bħalma jistqarr Saver stess, huwa beda jikteb għall-ħabta tal-1918, u

fil-"Pitazz Tiegħi", li għalih jirriferi Caruana u li issa għadda għandi, insibu l-ewwel poeżija ta' Cuschieri, li qed inġib hawn taħt:

**il chelma maltija**

Din biss, habib ta kalbi,
għandi, din Alla tani,
di 'l chelma li bi gmielha
nitghaxxak se'r tarani (5)

Dawn il-vrus juru li Cuschieri ma laqax il-bidliet tax-Xirka Xemia. Nieħdu l-kelma **k**albi; x-Xemia biddlet l-ittra k fi q (qam dari kam ... kalbi); u chelma li x-Xemia biddlet fi k (kenn dari chenn ... chelma).

Waqt li Cuschieri juża **ch** biex jikteb **k**elma, P (nota li għamel izziju bil-lapis blu tgħid li P. huwa Mons. P. Cauchi Gozo), fl-istess sena għall-kelma ktibtlek flok **ch** juża **C**tibtlec (6).

Bla dubju ta' xejn regoli fissi ta' l-ortografija ma kienx hemm u kulħadd kien jikteb kif iħossha, għax ma kienx hemm għaqda fost l-istess kittieba. Dan li sab ma' wiċċu Saver Caruana, u dan dejqu tant li huwa stess jistqarr:

"Dak iż-żmien it-tagħlim tal-Malti kien ftit li xejn. Kont għadni ħiereġ mil-Liċeo u kotba bil-Malti ma kellix. Id-dar sibt xi ftit ta' missieri, l-iżjed perjodiċi reliġjużi "Il-Ward u Żahar", "Il-Buon Pastur", u xi ftit oħra fosthom kotba sfużi mill-kollezzjoni tal-Mogħdija taż-Żmien tas-Sur Fons Marija Galea u xi rumanzi tas-Sur Ġuże' Muscat Azzopardi, **kollha miktubin b'ortografija differenti.** Kotba ta' tagħlim, jiġifieri ta' grammatika jew ortografija xejn ma kelli, ħlief id-Dizjunarju ta' Falzon miktub b'alfabet fonetiku.

"Bdejt imbagħad bil-ftit il-ftit nixtri, aktarx minn fuq il-Monti, il-kotba bil-Malti li kont insib, li wħud minnhom interessawni. Dawn il-kotba kienu miktuba b'kull xorta ta' ortografija: ħaġa li tħawwad ir-ras; allura jiena wkoll bdejt nara li biex l-istudju tal-Malti jkun jista' jimxi 'l quddiem, l-ewwel ħaġa kienet tinħtieġ li titwaqqaf **ortografija waħda:** u hekk fl-1920 bgħatt ittra għall-publikazzjoni fil-**Habib** biex inħajjar lill-kittieba Maltin jingħaqdu għal dan il-għan..." (7)

**Iwilled il-"Għaqda"**

Caruana kellu biss 20 sena meta kiteb l-ittra li tat bidu għall-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li għadha tgħix sal-lum taħt l-isem ta' "Ak-

kademja tal-Malti". Ħadd qablu ma talab li ssir din l-għaqda fost il-kittieba li Saver talab għaliha fl-ittra fuq imsemmija.

Li Saver kiteb l-ittra, l-ewwel waħda ta' għamla tagħha, illum huwa fatt li jirrikonoxxih kulħadd. għalkemm isem Saver huwa wieħed fost l-anqas imsemmija, tant hu hekk li għal ħafna poeti u studjużi żgħar dan il-bniedem donnu qatt ma eżista. Imma pass lura lejn l-imgħoddi jikxef is-sewwa.

L-ittra li kiteb **X.C.** fil-**Habib** bid-data 21.9.20 kellha żewġ sejħiet li t-twettiq tagħhom nistgħu b'wiċċna minn quddiem nistqarru tawna l-ortografija kif nafuha llum. Il-punti ewlenin tal-ittra, kif jidhru fl-istess ittra, kienu li l-"Għaqda" titħabat:

1. "Li ġġagħal 'ill-kittieba kollha tal-Malti jżommu ortografija waħda, skond kif ma taqta' hi.
2. Li tqajjem u xxerred il-kitba TAJBA bil-Malti." (8)

Għandna dokumentazzjoni biżżejjed min kien X.C. L-ewwelnett sibt minn idejh stess: "u hekk fl-1920 bgħatt ittra għall-publikazzjoni fil-**Habib** biex inħajjar lill-kittieba tal-Malti jingħaqdu għal dan il-għan." (9)

Ħames snin wara, l-Editorjal tal-organu tal-Kittieba tal-Malti, qal hekk: "Kien f'Settembru tal-1920, meta wieħed żagħżugħ ta' fehma tajba (is-Sur Saver Caruana) bida jsus warajja u wara l-Kittieba l-oħra tal-Malti biex nixxierku bejnietna." (10).

U ħmistax-il sena wara. l-istess organu wettaq dan meta f'Editorjal ieħor intqal li kien "is-Sur F.S. Caruana li kien staħba taħt l-ittra X.C." (11).

U dan il-fatt qatt ma ġie miċħud lilu għax sal-1963 insibu miktub f'ġurnal lokali: "L-għan ewlieni ta' Saver kien li jara l-Malti miktub b'ortografija waħda u minħabba hekk, f'Settembru ta' l-1920, ippublika ittra fi "Il-Habib" taħt il-psewdonomu ta' X.C. u ħeġġeġ lill-kittieba tal-Malti biex jissieħbu f'Għaqda". (12)

Mela Saver Caruana, l-inqas imsemmi fost dawk li stinkaw biex Malta ikollha ilsien "b'xejra waħda, lewn wieħed u togħma waħda" jistħoqqlu dak li jidher fuqu fid-Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali miġbut minn Robert Mifsud Bonnici, li jsejjaħ 'il F.S. Caruana bħala "...ko-fundatur tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti mwaqqfa fid-Dar ta' l-Unjoni Kattolika San Ġużepp fil-14 ta' Novembru, 1920." (13)

**Ortografija Ġdida**

Is-sejħa li għamel Caruana kellha effett immedjat, kif jistqarr huwa stess: "It-tweġiba għal din is-sejħa kienet mill-aħjar u għall-aħħar ta' dik

is-sena stess twieldet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li tagħha jiena domt Segretarju għal madwar 19-il sena." (14)

Il-bniedem li zijuwi ra fih mexxej kien Ġużè' Muscat Azzopardi li jirriferi għal Caruana bħala "żagħżugħ li jaf u jħobb jaħdem." (15)

Il-ħidma ta' Caruana fil-kamp tal-Malti bdiet immedjatament fl-ewwel laqgħa li saret fl-Unione Cattolica San Giuseppe, fejn hu nħatar l-ewwel Segretarju tal-Għaqda u wkoll Segretarju tal-kummissjoni maħtura biex thejji l-Alfabet Malti. Il-Membri tal-Kummissjoni ħadu x-xogħol tassew bil-ħerqa għax fit-23 ta' Ġunju 1921, taħt il-firma ta' G. Muscat Azzopardi, President, u F.S. Caruana, Segretarju, ħareġ ir-"Rapport fuk l'Alfabet Malti — Magħżul mil Cummissjoni li ġiet maħtura mill 'Għakda tal Chittieba tal Malti' fl-14 ta' Novembru 1920 (1921)". Interessanti ferm hija n-nota ta' Daħla li ser nġibha kelma b'kelma:

Lill 'Imsieħbin Fil
"Għakda tal Chittieba tal Malti"

Il Cummissjoni maghzula mincom fil Gemgha tal 14 ta' Novembru 1920, wara li hadmet bir rekka u bil hrara — fi sbatax il lakgha — hejjet l-Alfabet u il Grammatika tal Malti. Imma, kabel ma tressak kuddiemcom il Grammatca kasira u hafifa li sauuret, biex, jekk toghgobcom, tghadduha, jehtieg tcunu urejtu hsiebcom fuk l'Alfabet, li bih trid tinchiteb. Ghad, mela, li ahna fissirnieh u stampajnieh, dan l'Alfabet mhux għajr Abbozz; u ma stampajniehx hlief għalicom biss, bhala haga ta' bejnietna, halli, meta f'kasir zmien, tcunu mistiednin ghal Lakgha ohra, tigu mhejjin biex titchellmu fuqu.

Iddauuarna mhux ftit: imma nittamaw li, mita tiznu ix-xoghol li ghamilna, taghdruna

| | |
|---|---|
| F.S. Caruana | G. Muscat Azzopardi |
| **Segretarju** | **President** |
| 23 ta' Ġunju 1921 | (15) |

Huwa xogħol tassew interessanti u magħmul fi żmien tassew qasir grazzi għall-ħeġġa tal-Membri, inklużi Prof. Dun Carm. Psaila. Can. P. Galea, P.F. Bellanti u Ant. Cremona. L-Alfabet fih 29 ittra, u mqassam f'dawn il-kolonni: Għadd, Sura, Tisfir, Leħen tal ittra fil Għarbi, Tixbih fil Chitba, Minn min l-ictar magħrufa jeu mictuba.

L-ewwel ktieb ta' grammatika ħareġ fl-1924 taħt l-isem: "Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija ... Xogħol Maħruġ Mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fis-Sena 1924." (16)

Saver, ta' bniedem sinċier li kien, jikteb hekk dwar dak li wassal għall-publikazzjoni tal-Grammatika: "L-ewwel xogħol li kellu jsir mat-twaqqif tal-Għaqda kien ir-rapport tal-Kummissjoni li kienet ġiet maħtura għalhekk. Din irrikkmandat alfabet fonetiku li, b'xi żewġ tibdiliet żgħar, għadda minn laqgħa oħra tal-Kittieba. Imbagħad beda x-xogħol il-kbir: il-kompilazzjoni tat-Tagħrif imħollija f'idejn Ninu Cremona li mbagħad fl-1924, bit-tħabrik ta' Turu Mifsud, li dik il-ħabta kien Membru tal-Parlament u Viċi-President tal-Għaqda, ġie stampat fl-istamperija tal-Gvern. It-Tagħrif kien fih biċċa xogħol kbira: ingħoġob mill-istudjużi mhux biss ta' Malta iżda wkoll minn ħafna barranin." (17)

## Kif Tikteb Tajjeb

Ħaġa li fil-manuskritt Saver ma jsemmix huwa l-fatt li qabel stampa ruħu t-"Tagħrif", huwa kiteb sensiela ta' artikoli taħt it-titolu ta' "Kif tikteb tajjeb bil-Malti" iffirmat minn S. L-artikoli li sibt jiena huma stampati, fil-'Ħabib' bid-dati 21-2-23 u 28-2-23 għall-ewwel żewġ kontribuzzjonijiet, waqt li d-data tal-ħamsa l-oħra ma tidhirx.

Is-sena 23 hija sinifikanti ħafna fl-istudju tal-grammatika tal-Malti. Caruana, fl-ewwel artiklu, jiġbed erba' regoli prinċipali:

"Billi l-Malti huwa lsien orjentali, għalhekk il-grammatika tiegħu għandha tkun mibnija fuq grammatika orjentali u għalhekk l-ewwel regola hija:

I Li kull leħen għandu jkollu għalih ittra waħda.

II a) Kull sillaba ma jistax ikollha iżjed minn vokali waħda;

b) Kull sillaba irid ikollha vokali bilfors.

III. L-Għerq li fuqu hija mibnija l-kelma maltija hu dejjem ittri konsonanti u qatt vokali.

IV. a) Fit-tiswir tal-kelma, l-konsonanti tal-għerq jibqgħu dejjem wara xulxin kif inhuma.

IV b) Fit-tiswir tal-kelma il-kons. tal-għerq jibqgħu dejjem l-istess (18).

Ir-regoli li fassal Caruana huma fundamentali l-lum daqs meta kitibhom, u għalhekk nibqa' mistagħġeb meta ħafna mil-istudjużi tal-Malti jirreferu għalih biss bħala s-Segretarju tal-"Għaqda", qisu xi skrivan. Din l-impressjoni li dejjem tawni xi talin meta kont insemmilhom lil Caruana, imma l-lum li għandi d-dokumenti f'idejja nifhem aħjar dak li Ivo Muscat Azzopardi ried ifisser meta qal li Caruana kien "l-esseħ kolonna li fuqu nbena l-Malti." (19)

Fil-ħarġiet l-oħra fl-istess sensiela, Caruana jikteb dwar l-Artiklu, l-

appostrofu ,il-verb, il-pronom, konsonanti, is-suffissi u l-prefissi, u fuq il-particelli.

**Il-Ġlieda għal Ilsienna**

L-istorja ta' l-iżvilupp ta' Isien art twelidna hija bħal kull storja oħra waħda ta' taqtigħ il-qalb qabel ir-rebħa aħħarija, u Saver Caruana kien konvint li l-egħdewwa tal-Malti kellhom arma qawwija f'idejhom dment li l-poplu ma kienx ser jibda juża ortografija waħda. Ifred u irbaħ, igħid il-Malti. U Caruana dan li ma riedx. Hija ħaġa minn ewl id-dinja li kull studju ma jistax jintefa' f'idejn min ġieb u laħaq, għax kull studju xjentifiku irid iż-żmien tiegħu biex jiġi aċċettat. U barra minn hekk, fil-kas tal-Malti kien hemm fatturi oħra li jiena ser insemmihom għaliex l-istudjuż ma jistax jiċħad il-fatti ta' l-istorja għalkemm ikun jixtieq jinsiehom.

Għalhekk, għal darb'oħra ser inħalli lil Caruana jitkellem hu stess: "Ma nistax ngħid li l-poplu mill-ewwel laqgħu b'idejh miftuħa t-Tagħrif". Dan kien jitbiegħed xi ftit minn kif kien imdorri jikteb bil-Malti. Għall-ewwel kien hemm ħafna min ikkumbattih: biċċa mħabba fil-politika u biċċa wkoll bla ebda ħażer: hawn daħlet biċċa xogħol oħra, il-propaganda. Jiena bħala Segretarju, kont minn tal-ewwel li bdejt nikteb fil-ġurnali u rivisti: Infisser il-għanijiet tal-Għaqda." (20)

Fl-1921, huwa jikteb fil-"Habib", li l-Editur kien kiteb xi kliem mhux kif suppost jinkitbu, u jispiċċa l-ittra tiegħu, "... sena li, jecc Alla jrid, tara l-Malti taħt libsa uaħda, li icun ta' ġieh u hena lilna l-Maltin u cull min iħobb u jgħożż is-sabiħ Isien Malti." (21)

Imma huwa sewsew hawn li wieħed jifhem li Caruana ma kienx sempliċement xi Segretarju Eżekuttiv, kif jinftiehem xi minn daqqiet illum. Huwa tant kien profond fil-Malti li ftit wara li ħarġet l-ewwel Grammatika tal-Malti, sewsew fl-ewwel ħarġa ta' "Il-Malti", insibu lill-Editur (Ġuże' Muscat Azzopardi) jikteb: "... Biex naqtgħu ż-żarda lil kulħadd u ngħinu lil min tassew jindafar mal-ktib tajjeb bil-Malti, sejrin inġibu dan ix-xogħol sabiħ — u sabiħ għal darba — tas-Segretarju tagħna. Fi ftit kliem, mhux ħlief it-"Tagħrif fuq il-Kitba Maltija" miġbur fil-qosor, jew ngħid aħjar, il-"Grammatika tal-Lsien Malti fiċ-Ċokon; imma għalkemm qasira u ħafifa, li wieħed jista' jitgħallimha bl-amment f'ġimgħa, sħiħa u mogħnija b'kull ma jinħtieġ." (22)

Bla dubju ta' xejn, dan il-kliem jagħti lil Caruana dak li ħaqqu; il-kittieb ta' l-ewwel grammatika moderna li setgħet tingħata fi'dejn il-poplu, jew aħjar f'idejn l-istudenti. U jekk wieħed jistudja ftit iż-żmien

u l-politika tiegħu, li mhux interess tagħna li niddiskutu, wieħed malajr jifhem li l-ħeġġa li ħadem biha Caruana kellha influwenza kbira fil-kampanja li Malta jkollha lsien aċċettat mill-Maltin, għax il-lingwa u l-individwalita' tan-nazzjon dejjem imxew id f'id.

Caruana jgħid li l-ktieb tiegħu tal-grammatika maltija fil-qosor "sewa ħafna meta l-Malti beda jiġi mgħallem fl-iskejjel." (23) F'din is-sentenza jinħeba x-xogħol akkademiku u eżekuttiv ta' Caruana. Għax il-Gvern taż-żmien ma tantx kien lest li jilqa' x-xogħol tal-"Għaqda". Bħala "id il-leminija" ta' Ġuże' Muscat Azzopardi, id-Direttur ta' "Il-Malti", Caruana kellu l-vantaġġ li dak iż-żmien kien id-Direttur tal-Empire Press li huwa jistqarr li kienet strument qawwi fil-moviment tal-qawmien tal-ilsien Malti. U sewsew fil-"Malti" nsibu li l-ortografija sabet l-egħdewwa tagħha, għax insibu lil Caruana jgħaqqad leħnu ma' dak tad-Direttur, li "Sa kemm il-Malti ma jinkitibx minn kulħadd għamla waħda, ftit tista' tfejjed il-kitba maltija. Ortografija waħda fl-ilsien Malti hija meħtieġa bħall-ħobż". (24) U fl-1932 nsibu lil Caruana, bħala Segretarju tal-Akkademja tal-Malti, kif bdiet tissejjaħ l-Għaqda mill-1927, jikteb lill-Onorabbli Kap tal-Ministeru, Auberge d'Aragon, ittra twila, li fost ħwejjeġ oħra kienet tgħid li "l-Malti u t-Taljan huma żewġt ilsna differenti fil-għamla tagħhom grammatikali, u meta t-tagħlim tal-wieħed isir fuq it-tagħlim ta' l-ieħor, lill-Malti ma tkunx qiegħed tagħmillu ħaġ'oħra ħlief tikkundannah sabiex, qajl qajl iżda fiż-żgur, jitħassar u jisfa fix-xejn." (25)

Naturalment wieħed jistaqsi kif is-Segretarju kiteb lill-Kap tal-Ministeru u mhux lill-Onorevoli Ministru tal-Istruzzjoni; dan wieħed jista' jifhmu forsi mill-fatt li l-ħwejjeġ ma tantx kienu tbiddlu minn meta l-istess Segretarju kien kiteb lill-istess Onorevoli Ministru tal-istruzzjoni ittra twila li kienet tispiċċa hekk: "Il-Għaqda fl-aħħarnett tixtieq li jsir dan jiġifieri li jiġi adottat l-alfabet li hi ilha tuża seba' snin, għaliex hekk hi tkun tista' tgħin, għalkemm indirettament, bil-ħruġ ta' letteratura tajba għall-iskejjel u għal kulħadd, bħallikieku, antoloġija ta' proża u ta' poeżija, kotba għat-tfal, kotba ta' tħarriġ fil-Malti." (26)

U għalkemm wara din l-ittra, l-Akkademja ħtiġilha tikteb għal darb'oħra lill-Kap tal-Ministeru, it-taqtigħa bdiet tintrebaħ, u pass tassew importanti kien il-ħruġ fi ktejjeb ta' għoxrin faċċata tal-"Grammatika u Ortografija tal-Malti fil-Qosor" minn F.S. Caruana. Dan kien sewsew fl-10 ta' Mejju 1932, u fil-ftuħ Caruana, li dejjem għaraf il-limitazzjoni tiegħu u qatt ma daqq trumbetti kbar, għalhekk forsi ismu ma tantx għadu jidwi, jistqarr "F'dan id-daqsxejn ta' ktieb, ma ssibux ir-reguli kollha tal-Ortografija u tal-Grammatika Maltija, iżda ssibu biżżejjed

biex tifhmu kif inhuma mibnija dawn ir-reguli u ssibu xi jmexxikom biex, bi ftit tal-ħsieb u tat-tqabbil ta' kelma ma' oħra, tistgħu taslu biex tiktbu mingħajr għelt." (27)

**Ortografija Tajba**

Il-ktejjeb ta' Caruana sadd ħalq dawk li kienu jiddieħku bil-Malti bħala lingwa bħa għeruq. Il-poplu issa kellu grammatika li fuqha nbnew grammatiki oħra, waħda li, bħalma jistqarr tajjeb R. Mifsud Bonnici, "biha nqdew l-Iskejjel ma sa thejjew grammatiki oħrajn". (28) Skond ma naraw fit-Tielet Harġa, sentejn wara, mal-2,000 kopja nbiegħu f'sentejn, u dan huwa numru tassew kbir għaż-żminijiet li kienu.

Interessanti huma n-noti bil-linka li Caruana żied mal-kopja personali tiegħu tal-1932. Hekk bejn paġna 6 u 7 daħħal karta ta' l-istess daqs tal-paġna, u hemm hekk:

Xemxin ... tas-snien ... T.D.S.Z.C.X.Ż.
tal-lsien ... L.R.N.
Qamrin ... tax-xoffa ... P.B.F.V.M.J.W.
tal-gerżuma ... K.G.Q.Għ.
tan-nifs ... H.Ħ.
doppja ... Ġ.

Nota oħra:

**Il-Vokali** ... Hekk ukoll fi kliem bħal **iżda eħlisna** **l-e** ma taqax għad li qiegħda wara kelma tispiċċa b'vokali għax għad li l-aċċent twarrab (eħles, eħlisna) il-vokali qiegħda biex turi l-imperattiv.

U aktar 'l isfel, dwar l-aċċent ukoll:

Vokali bla aċċent meta tkun fl-aħħar sillaba trid urajha konsonanti waħda: Darab, darrab; għalhekk semgħet u mhux semegħt; ifhem u mhux ifehm.

Nota oħra dwar l-Aċċent tidher bejn paġni 8 u 9, u din tgħid hekk:

Iż-żieda ta' vokali qabel jew wara l-kelma, ma tħallix qatt l-aċċent b'żewġ sillabi wrajh. Meta jiġri hekk jew taqa' vokali jew jiċċaqlaq l-aċċent.

qatel u o = oqatel = oqtol = noqtol.
għamel u a = agħamel = agħmel = nagħmel.
xorob u ot = xor(o)bot = xorbot.
ferfer u u = ferf(e)ru = ferfru.
karwat u u = karw(a)tu = karwtu.

Hemm noti aktar dwar **ta' 4 Kons.,** li ser nagħti eżempju wieħed biss hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| **ferfer** | **qabbad** | **berbaq** |
| HeŻHeŻ | HeRREŻ | HeWDeN |
| GħaRGħar | HeDDeD | BaHRaD |

KiSeR = miksurin KiSSeR = Imkissrin
GħarGħar = Imgħargħrin

Nota fuq il-**Partiċipju** tidher bejn paġni 10 u 11:
Participio Presente ... bired, biered; mexa, miexi; ħareġ, ħiereġ.
Participio Passato ... qarben, imqarben; qarar, imqarar, qabad, aqbad. maqbud, ħat, ħit, meħjut, ġieb, ġib, miġjub.
U fuq il-qoxra ta' wara, minn ġewwa, hemm miktub bil-linka:
semmiegħ = minn jisma' SeMaGħ.
semmieh = hu ssemma (j) lilu ... SeMMa(J).
semmih (imp) = inti semmi lilu. (29)

Jiena nħoss li dawn in-noti, għalkemm jidhru mwaħħla mal-istampar tal-ktieb tat-Tieni Darba (1932) saru wara dik tat-Tielet Darba (1934) għax għalkemm din fiha "FTIT TAŻ-ŻIEDA" dawn in-notazzjonijiet ma jidhrux. Dan ifisser li Saver baqa' jistudja l-Malti u mhux ikkopja dawn in-noti minn xi ktieb ieħor għax qabel l-1934 ma ħarġux kotba ta' grammatika oħra. Barra li kien jikteb fuq il-grammatika regolarment fi "Il-Malti", bħal ngħidu aħna dwar l-użu ta' l-**i** u l-**ie** (30), huwa ippubblika wkoll fl-1934, "Xi Verbi Maltin bis-Suriet Imnissla Tagħhom" (31) u "Verbi bil-Għ fil-Bidu u Verbi bil-Għ jew H fin-Nofs", (32) u "Verbi bil-Għ fl-Aħħar u Verbi Neqsin." (33)

L-akbar unur u ġieh li seta' jingħata lil F.S. Caruana għall-ħidma tiegħu fil-Kamp tal-Grammatika u l-alfabet Malti, ngħid għalija, hu dak li deher fil-"Leħen il-Malti (Universita')", fejn l-Editur iħeġġeġ lill-istudenti universitarji li, "Min irid jitgħallem jikteb bl-alfabet u bl-ortografija tagħna, inħajjruħ jaqra il-**Grammatika u Ortografija tal-Malti fil-Qosor** miktub minn F.S. Caruana u stampat ftit xhur ilu fl-Empire Press, fejn tinbiegħ". (34)

## Ħidma Oħra

Il-ħajja ta' Caruana tista' tgħid kienet waħda iddedikata għall-Malti, għalkemm huwa fenomenu, li ser nitkellem fuqu aktar lura, li Caruana nħeba mill-kamp letterarju meta kien għar żgħir, irrid ngħid kien wisq bikri. Imma sa ma waqaf ħadem bil-bosta. Fl-istamperija Empire Press kellu ċans jiltaqa' mal-kittieba kollha għax kien hemm li "bit-tipi tagħ-

ha ġew stampati l-ewwel kotba bl-ortografija tal-Għaqda, fosthom nif-takar il-kotba ta' Sir Temi Zammit bl-ewwel wieħed 'Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja Tagħhom', il-kotba ta' E.B. Vella fuq l-ibliet u l-irħula ta' Malta il-kotba ta' l-iskrittura ta' Dun P.P. Saydon, 'Il-Weraq mar-Riħ' ta' Ninu Cremona u l-'Ġabra ta' Kitba Maltija tat-tabib Ġuże' Bonniċi." (35)

Fl-1934, meta l-Malti daħal fil-Qrati, Caruana ġie maħtur traduttur interpretu fil-Qrati Superjuri fejn dam jaħdem sa ma għalaq is-sittin. Huwa kien ukoll surmast tal-Malti fil-Liċeo u qagħad ukoll fuq Boards tal-Gvern. Iz-ziju, għalkemm ta' ftit kliem, mhux darba jew tnejn qalli kemm ma kenx jista' għaliha li fil-qorti titkellem lingwa li min hu l-aktar interessat l-anqas li jifimha, u f'wieħed mill-kotba tiegħu sibt din in-nota li jiena ninterpretaha bħala każ tipiku ta' dak li huwa kien tant kontra: Il-mittent jinterpellak biex tagħmel l-ispejjeż tar-rip. skond il-pattijiet tal-locazioni u biex t'ispurga l'ilma mil-bir għaliex jintenn.

Huwa żamm f'kuntatt kontinwu mal-Malti u għen lil kull min talbu. Iżda wieħed ma jistax ikompli jikteb mingħajr ma jsemmi l-għaqda intima li Caruana kellu ma' Dun Karm, l-aktar meta dan sar il-President tal-Għaqda wara l-mewt ta' Ġuże' Muscat Azzopardi.

Għal darb'oħra naqraw x'jikteb Caruana stess dwar din il-ħbiberija: "Lili kien iħobbni, jirrispettani u jafda fija, u ma ninsieha qatt il-ferħa li ħassejt meta bagħat għalija u talabni nagħtih daqqa ta' id fil-qari tal-provi meta ġie biex jistampa l-**Oqbra** tiegħu. U ma ngħidx kemm hi għal qalbi l-kopja li tani iffirmata minnu bil-kliem: "lil F.S. Caruana b'radd ta' ħajr u turija ta' qalb li taf". Kuntatt ieħor għal ħafna snin li kelli ma' Dun Karm kien fit-thejjija u stampar tad-Dizzjunarju Ingliż-Malti. Dan kien beda jiġi ikkumplikat minn Kumitat maħtur mill-Gvern u mbagħad imħabba xi diffikultajiet li nqalgħu ġie mħolli għal kollox f'idejn Dun Karm li, b'ħila u b'sabar liema bħalhom, irnexxielu jtemm dan ix-xogħol hekk meħtieġ. Jiena kont wieħed mill-membri ta' dan il-kumitat, u mbagħad, fuq talba tiegħu, bqajt ngħinu fit-tajpjar tiegħu u għal xi snin ukoll fil-qari tal-provi ta' l-istampa." (36) Kienet fuq din l-istess typewriter li jiena ttajpjajt dan l-artiklu.

Saver kien jikteb il-Bibljografija fi "Il-Malti" u kien jiffirma F., S., C., F.S. Caruana, Foska, u X.C.

Kien igħin lil kull min kien jitolbu u fost il-kotba li ħallieli zijuwi ser nikkwota ftit minn dak li kitbulu l-awturi stess meta irregalawlu xi kopja:

Temi Zammit (1925) Lil F.S. Caruana biex nżżi ħajr talli għenni nobrod il-kliem ta' dan il-ktieb waqt li kien jintabagħ.

G. Muscat Azzopardi (1927) ... Lil id il-leminija tiegħi.

Giovanni Vella (1929) ... Bil-Qima ta' l-Awtur.
Alf. Nicholas (1930) ... B'Qima għal ħeġġa Tiegħek għal-Lsien Malti.
Ninu Cremona (1936) ... Lil sieħbi Ċikku Saver Caruana b'tifkira tax-xogħol li ħadem miegħi għall-ġieh tal-Isien Malti.
Dun Karm (1936) ... Lil F.S. Caruana b'radd ta' ħajr u turija ta' qalb li taf."

**Kitba Tiegħu**

Għal xi raġuni jew oħra Caruana ma kitibx kotba; ir-raġuni ma nafhiex. Tgħid ma kellux fiduċja fih innifsu? Tgħid ma kellux żmien? Tgħid ma kellux flus, billi l-familja t'ommi kienu qalgħu daqqa ta' ħarta kbira meta fallew it-titoli russi u ċiniżi!

Peró xi ħaġa kiteb. U barra dak li jidher fil-"Pronostku", fil-"Malti", fil-"Habib" u f'"Leħen is-Sewwa", huwa kien jikteb artikoli li jiena sibt miġbura f'forma ta' cuttings ġo pitazz. Fost dawn hemm: L-Annimali u l-Egħdewwa tagħhom; IL-MUŻKA; IS-SEWQAN ŻEJJED; L-ISTIL; L-ISTAMPA; HENA U MHABBA; L-OSSERVAZZJONI; IS-SAJJETTI; BIEX MA TMUTX; IL-QAMAR; IS-SISTEMA PROPORZJONALI.

Nafu li kiteb ktieb ċkejken fuq Santa Barbara V.M., u barra minn dan jiena sibt l-manuskritti ta' dawn il-kitba li ser insemmi hawn taħt; kulma ser nikkwota huwa miktub b'idejh:

1920 ... Oriġinal ... Govanna d'Ark ... Epika, mhux ippublikat.
1921 ... Oriġinal ... Jixxiebħu ... Kummidja b'2 Atti, mhux publikat.
1921 ... Oriġinal ... Ganni ... Buzzett b'Att Wieħed, mhux publikat.
1924 ... Traduzzjoni ... Għaxqa ta' Raħal. ta' Sac. C. Bonvini, mhux publikat.
1926 ... Traduzzjoni ... Il-Firda ta' H. Carrasson, mhux publikat.
1935 ... Traduzzjoni ... Ben Mahmet ta' Chateaubriand, mhux publikat.
1945 ... ...Traduzzjoni ... Ir-Rebħa ta' Lulu' ta' M. Serao, mhux publikat.
1946 ... Traduzzjoni ... It-Turufnament ta' Leo Tolstoi, mhux publikat.
1961 ... Traduzzjoni ... L-Aħħar Sold tas-Sur Baer, ta' G. Kersh; Għassa għal-Leopard, ta' K. Anderson; In-nanna ħoxna, ta' R. Manning-Sanders; Raġel Tajjeb u Raġel Hażin, ta' Manning-Sanders; It-Tbissima, ta' S. Pollak.
(Miktuba bl-id għax it-typewriter kien ġa tahieli).

Dawn qatt ma kont naf bihom u sibthom biss wara mewtu, bħalma qatt ma kont naf li x-xogħol tiegħu tah lil Librerija ta' l-Universita', bħalma tistqarr ittra ta' radd il-ħajr mil-Librar taż-żmien, is-Sur G. Cassar Pullicino.

**Bħala Poeta**

Fil-manuskritt li semmejt u ikkwotajt minnu, Saver ikompli sa l-aħħar ikun sinċier u umli. Nikkwota: "Ma nistax ngħid li ktibt ħafna: kif ġa għidt, bdejt b'xi poeżija 'l hawn u 'l hinn f'perjodiċi reliġjużi u letterarji, f'ġurnali u almanakki fejn jiena u l-ħabib tiegħi Rużar Briffa konna ħaddimna u tajna spinta l-poeżija lirika Maltija f'ħafna poeżijiet daqqa taħt ismi u daqqa taħt xi psewdonimu." (37) Kulħadd jaf li infatti li FOSKA kien F.S. Caruana. It-tliet elementi li jibnu l-poeżija ta' Caruana huma r-reliġjon, l-imħabba lejn l-ilsien malti u n-nota pessimista tiegħu.

Qabel nibda neżamina xi poeżiji tkun ħaġa tajba li npinġi lil zijuwi kif nafu jiena. Imma qabel xejn irrid nistqarr li meta waqaf jikteb il-poeżija fl-1928 jiena kont għadni kif dħalt il-Liċeo u wara ftit jew xejn tkellimna fuq il-poeżija. Iżda lil Lolu, kif konna nsibuh d-dar, fhimtu aktar ma kbirt. Lolu, kif ser nibda nsejjaħlu, kellu xi ħaġa fil-fond ta' qalbu li għamlitu magħluq għal kollox u għal kulħadd. Huwa kien bniedem tal-familja u kellu erba' ħutu, tlett ibniet, barra minn ommi, li qatt ma żżewġu, u ġuvni. Kien missierhom u kollox għalihom. Waħda minnhom mietet mal-50 sena u din effetwatu ħafna; oħra kienet marida, u billi kienet il-kbira kien iħobbha daqs ommu, u kien dejjem moħħu fiha; ħuh kien jaqa' fuqu wkoll; u lil oħtu l-oħra ħa ħsiebha hu wkoll sa ma mietet. F'martu sab waħda li qatt ma ndaħlitlu, u jiena tant nafu miġbud lejn il-familja u lejn ħutu li dejjem ammirajtu. Iżda qatt ma qbilt miegħu li qata' mill-kitba hekk bikri. U għalhekk, jiena nibqa' nżomm li kien hemm raġuni oħra iddiżappuntatu daqshekk, u li dejjem ħbieha f'qalbu. Forsi min jaf il-vera raġuni, il-lum huwa mejjet ukoll; u forsi hawn min jaf u għall-prudenza jżomm sieket ... de mortuis nisi quam bonum.

L-ewwel poeżiji li jiena sibt f'pitazz ieħor mimli poeżiji tiegħu bħala cuttings f'kull paġna, huma reliġjużi. Kellu tmintax-il sena meta kiteb l-ewwel poeżija li sibt jiena. Din jisimha "Għal wara Kristu", u ser nikkwota l-ewwel erba' versi:

"Tiela' l-Kalvarju — qed nara 'l Kristu
Wiċċ it-tbatija — għaddej mit-triq,
Ah, li kont nista' — xi koċċ għajnuna,
Lilu mmur nagħti — oh kemm nixtieq." (38)

Għaliex il-Kalvarju? Żagħżugħ ta' 18-il sena jara l-Kalvarju quddiemu, imma bl-istess ħin joffri li jgħin. U li kelli npinġi ħajjet zijuwi, żgur li nuża dawn iż-żewġ kuluri: tbatija u għajnuna lil ħaddieħor. Kiteb fuq

il-Madonna fil-"Habbar", u l-poeżija "Marija" miktuba f'terzini, tibda hekk:

> Meta imsawwat u imbiċċhi min xortija,
> Mgħafusha bd-duejjaq tkun ruħi seuua,
> Il-ħelu isemk jhennini, oh, Marija.

Il-pessimiżmu jibda jidher fiċ-ċar fil-poeżija tiegħu "Holm u tħarbix" ippublikata sewsew fl-istess sena li kiteb l-ittra, u diffiċli tgħid x'ħolm u tħarbix kellu f'moħħu:

> Kont rieqed: f'nagħsa ħelwa xtaqt li nserraħ
> lil ħsiebi mit-thewdin ta' jum imħabbat
> Imma le: mistrieħ mid-dinja qatt ma nista'....
> ..... Inġiblek ħniena
> tarani b'iċċa lapis, kollu mgiddem
> għajnejja jżebbġu sħiħ fuq karta mħażża
> kelmtejn nittanta nniżżel: iżda minni
> il-kliem jitbażża'.
> U, meta ħasba mniżżel fuq il-karta,
> aktarx tkun daqs xadina: għalhekk għaliha
> immur jien b'saħħti nagħmel 'imma xi drabi
> tgħix inħalliha. (39)

Dan huwa pessimiżmu jew stqarrija ta' bniedem mhux kapaċi jikteb. Insibha ħaġa ftit tqila, li naċċetta ta' l-aħħar, u naħseb li l-poeżija fuq imsemmija hija ritratt veru ta' dak li jgħid fuq Caruana l-poeta Karmenu Vassallo: "Raġel ġwejjed, twajjeb u dħuli, Malti safi u kittieb mill-aħjar."

Peró Saver ma kissirx il-lapis f'dan il-perijodu ta' kitba, għax skond id-dati mniżżla taħt kull poeżija fil-pitazz fuq imsemmi, kull xahar kien jikteb waħda jew tnejn. U sewsew kienu dawn il-poeżiji juru d-dawl qalb id-dalma li kienet timraħ ma' dwaru. Jiena u naqra din il-poeżija li ġejja żarżru f'widnejja kliem Newman: Lead kindly light amid the encircling gloom.... lead thou me on." U dan il-ħsieb kien sewsew li darba l-Malti ser jirbaħ. Tiftakru li huwa kien "wieħed mill-qalbiena fit-taqtigħa (bla tixrid ta' demm) dwar l-Ilsien Malti, F.S.C. kellu sehem sħiħ fir-rebħa għat-twettiq ta' ortografija waħda — li baqgħet tissejjaħ l-ortografija tal-Għaqda." (41)

Għalkemm iż-żminijet xejn ma kienu sbieħ għal ilsien art twelidna, b'dan kollu Saver kellu fiduċja fil-ġejjieni:

> Għalhekk jien nitma... nitma li bil-ħniena
> minn tal-Hallieq, jiddilna xi jum isbaħ,
> u dan l-uġigħ li iżjed żgur ma nafx

tiflaħx iġġarrab, għad lilna jinsiena;
għaliex jien nemmen... nemmen li għad jisbaħ
hedak il-jum li għabex ma jagħrafx. (42)

Sa l-1923 kien kiteb 48 poeżija, imma mbagħad beda jnaqqas. Iżda poeżija ħelwa li dehret fl-1925 hija "Ħlomt Bik"; u **bik** hija Malta. Il-poeżija hija miktuba fi vrus ta' tnax u fiha għaxar stanzi:

—Int Malta. Jien nagħarfek mill-ħlewwa ta' wiċċek
'Ma nafek gwerriera: bil-lanza f'idejk:
Qatt sidrek kien għeri, jew rasek qatt xuxa,
Fejn nafek, lill-għadu qed jgħaffġu riġlejk.

Saver iħoss il-bidla taż-żmien u huwa rejalistiku bħalma rejalistiku hu Karmenu Vassallo li qatt ma naqas li jgħid dak li jħoss. Għalhekk FOSKA (F.S. Caruana) jtemm il-poeżija lil Malta:

Hawn jiena: sabiħa fix-xejra ta' ġismi:
Uliedi, ħarsuni, mhux b'lanza jew nar:
Ħarsuni bl-imħabba; bis-saħħa ta' qlubkom:
Ħarsuni bil-għanja t'għamilkom mukbar." (43)

Insib tixbiha f'poeżija tiegħu fuq l-ilsien malti ma' kitba li dehret ftit snin wara fil-Malta Letterarja. Meta l-Malti ħa dak li ħaqqu u "La nobilissima protesta del Corpo dei Graduati" ġiet ippublikata, nkiteb hekk f'din ir-Rassegna Mensile di Cultura, dwar il-Lingwa Taljan: "O Lingua Nostra, bella perchè sei bella, bella perchè sei la lingua più melodiosa del mondo, bella perchè sei la lingua con cui hanno parlato i piu grandi Santi......" (44)

Imma qabel dan, meta l-Malti kien għadu mkasbar, Saver kien kiteb poeżija f'forma ta' djalogu fejn wieħed ikasbar l-Malti u l-ieħor ifaħħru tant li jgħid:

Il-Malti lsien il-qedem: ilsien l-istess allat
Ilsien ta' qabel Babel li d-dinja qatt ma rat.

Il-poeta jċanfarhom lit-tnejn u jtenni:

Il-Malti xejn minn dana: il-Malti huwa lsien
Bħall-ilsna l-oħra kollha li nġabar ma' kull żmien,
Sabiħ: b'egħruq xemija u mżejjen bi kliem ġdid
Li sebbħu mgħamlu għani, taħ xeħta minn ta' mqit, .... (45)

U naslu għall-1928 fejn Caruana, u hawn naqbel għal kollox ma' Karmenu Vassallo, kiteb l-isbaħ żewġ poeżiji tiegħu. Dan il-poeta kbir fil-letteratura maltija kontemporanja jsejjaħ il-poeżija "Il-Għanja ta' Ħajti" bħala waħda mill-ftit, tassew ftit, tajbin li Caruana kiteb". (46)

X'inhi din l-għanja miktuba fi vrus ta' ħamsa mtenni u bis-sing bejn taqsima u oħra:

.... Hin għanja mdejqa — ta' tfajla fqira
Li ħabbet ħiemda — bi mħabba kbira
Lil min jassarha — Il-ħajja ħażina
Ħajja miskina — mimlija semm.

U min kienet din it-tfajla li bdiet tiġi għal tagħha, imma kull darba taqa' u tmut? Igħidilna l-poeta fl-aħħar vrus:

Sibt li hija għanja — ta' ħajti mġarrba,
Ta' ħajti mjassra — ta' ħajti mħarrba;
Sibt li ta' ħajti hemm mera fiha
W-għalhekk ngħanniha — issa kull ħin." (47)

U l-poeżija l-oħra hija dik li għaliha F.X. Caruana jibqa' jissemma fil-kamp tal-poeżija. Hija dik lil Rużar Briffa, li bejniethom it-tnejn kien hemm ħbiberija intima kif jikteb Saver fil-manuskritt tiegħu: "Jiena u Rużar konna ħbieb sewwa u din il-ħbiberija jixhduha dawn iż-żewġ poeżiji li ktibna lil xulxin." (48)

F'din il-poeżija bi vrus ta' ħdax, Saver fost ħwejjeġ oħra jgħid lil Rużar:

"U qbilna sa fil-ħsieb li jqabbel moħħna
U qbilna fit-tbissima ta' xoffitna,
U qbilna fit-tektik ta' ġo' sidirna,
U qbilna sa fix-xejra ta' mħabbitna.
U għadda ż-żmien, 'ma l-għanja baqgħet fina:
Il-għanja ħelwa, l-għanja taż-żgħużija,
U għad li ma stajniex niktbuha dejjem
Ġo qalbna twieldet ... għexet bla tbatija."
Għad jgħaddi ż-żmien, Rużar, u għad niltaqgħu ,
Fi xfar l-irdum, imkaxkra mix-xjuħija,
U għad li ħsiebna jkun għajjien mid-dinja,
Il-għanja fina tibqa' taż-żgħużija. (49)

Żewġ poeżiji oħra, waħda "Is-Saħta" u l-oħra "Pepprina Ħamra", u Caruana siket, jew aħjar, kif jikteb hu, "Il-Muża raqdet fija."

Ftit snin wara li waqaf mill-kitba tal-poeżija, Saver inħeba għalkollox. Irrid ngħaqqad flimkien żewġ fatti. L-aħħar poeżija li kiteb u ktejjeb żgħir maħruġ mill-Għaqda tal-Malti mwaqqfa bejn l-istudenti tal-Universita' fl-1932. Saver fil-poeżija jxebbah lilu nnifsu mas-**suldat mhux magħruf.** U bir-raġun, għax nibża' li umli kemm kien umli, dejjem weġġgħu l-fatt li hu kien jiġi mġenneb. Tant hu hekk li fil-ktejjeb fuq imsemmi ismu biss mhux imsemmi, waqt li tidher il-lista kollha ta' sħabu. Tgħid Saver kellu xi wieħed li ma tantx kien jarah sabiħ?

Ħadd ma jista' jgħidilna dan. Peró xi ħaġa kien hemm, u forsi kienet din ix-xi ħaġa li ġagħlitu jixxebbaħ mas-suldat mhux magħruf, ferħan fl-istess ħin li bħalu huwa kien wieħed li

jissara mhux għal ġidu,
mhux biex igeddes flus, imma biex jagħni
ġieh art twelidu."

Huwa sinifikanti l-fatt li dawn kellhom ikunu fost l-aħħar vrus li kiteb Caruana, u dan l-iceal baqa' fih f'dak li jiena nżomm bħala t-testment li ħalla lill-Għaqda tal-Malti. Kienu huwa u Ninu Cremona li, mill-Membri ewlenija baqgħu ħajjin. Allura l-eredi ta' ideal tiegħu ma setax ikun għajr Ninu Cremona. U din l-eredità sibtha f'manuskritt ieħor li Saver kiteb lis-Sur Nin meta dan għalaq 85 sena; fuq il-manuskritt hemm nota bil-linka blu: not published.

Ma nistax ma nġibx il-kitba kollha, għax kull kelma għoqda f'katina waħda:

Nin.

naħseb li fost ħbiebek li miegħek ħadmu għar-rebħa tal-għażiż ilsienna jiena wieħed mill-ixjaħ li baqgħu ħajja. Jekk nagħtu daqqa t'għajn ir-ritratt meħud fl-1924 tal-Membri ta' l-ewwel kumitat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u tal-Kummissjoni magħżula biex thejji rapport fuq il-kitba tal-Malti, inti u jiena biss għadna ħajja — l-oħrajn m'għadhomx magħna: għamluh huma wkoll sehemhom u nistħajjel Malta tibqa' tafhulhom.

Ma ninsewhom qatt, Nin, dawk l-ewwel snin tat-twaqqif tal-Għaqda. Ix-xogħol kien kbir u l-qofol tiegħu kien fuqek; kemm għaraqt u xraqt biex ġbart ix-xogħol tiegħek u ta' sħabek u sawwart it-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija u fuqu llum tinsab mibnija l-Ortografija tal-Malti. Inti taf, Nin, jiena kont ingħinek imma biss materjalment, għax dak iż-żmien jiena xejn ma kont naf fuq il-Malti: kont għadni żagħżugħ ta' għoxrin sena u inti raġel ta' erbgħin; id-differenza bejn l-età tagħna jiena kont naraha kbira wisq aktar milli kienet: jiena kont żgħir u mgerrex, inti kbir, determinat f'fehemtek; kont inti li mexxejtni fl-ewwel passi fit-tagħlim tal-Malti, inti kont l-imgħallem tiegħi.

Taf, Nin, kemm tħabatna f'dawk il-jiem sa ma rajna stampat l-ewwel frott tal-ħidma tal-Għaqda: it-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija. Kemm tħabatna biex irnexxa fit-Teatru Manoel l-ewwel kunċert Malti fejn instemgħu, tista' tgħid għall-ewwel darba, kant u mużika għal kollox Maltin, biċċiet mill-Fidwa tal-Bdiewa tiegħek u fl-aħħar, għall-ewwel darba, l-Innu Malti, il-lum imwettaq bħala l-Innu tan-Nazzjon Maltija.

Kemm batejna u kemm rajna ma' wiċċna, int, jiena, u sħabna

l-oħra li ħafna minnhom m'għadhomx magħna, biex, flimkien ma' sħabna oħra li ġew wara li ħadmu huma wkoll għall-ideal tagħna, qegħdin naraw isseħħ il-ħolma tagħna, l-ewwel li naraw il-Malti miktub b'ortografija waħda u mbagħad, u b'konsegwenza ta' dan, it-tlugħ lsienna.

It-triq ma kinitx watja, rajna ma' wiċċna uċuh koroh, uċuh inkurlati, uċuh b'nofs daħka, imma issa kollox għadda. Min kellu jgħidilna, Nin, ħamsa u erbgħin sena ilu, li għad naraw kull ktieb, kull gazzetta, kull folja karta stampata bil-Malti, miktub bl-ortografija li għaliha tant tħabatna. Min kellu jgħidilna, ħamsa u erbgħin sena ilu li kellna naraw dan il-għadd kbir ta' kotba bil-Malti, kotba ta' tagħlim u kotba ta' mogħdija taż-żmien, dan il-għadd kbir ta' kittieba u poeti Maltin li qed isebbħu s-sema letterarja tagħna bil-ħidma ta' kulħadd issa qed naraw il-maħbub ilsienna mhux iżjed imżeblaħ u mgħajjar iżda mweġġaħ u mfaħħar, kif jisthoqqlu, mhux biss mill-ulied ta' din "l-art ħelwa" l-għażiża Malta tagħna, iżda wkoll minn bosta għorrief ta' artijiet barranija."

Wara din l-ittra zijuwi marad fit-tul u kellu bżonn li jittieħed ukoll l-isptar San Luqa. Jiena u sejjer miegħu fuq l-ambulanza ma tniffisx, għajr li talabni ngħidlu meta konna wasalna qrib il-Qorti fejn ħadem għal bosta snin. Għidtlu, u huwa tbissem. Kemm dam l-isptar, il-pazjenti l-oħra kienu jgħidulna, mela dan ma jitkellimx; kemm huwa kwiet. U l-aħħar kelma lil martu, li ftit qabel miet staqsietu kif kien iħossu, kienet "Tajjeb". Għal zijuwi kollox kien tajjeb.

U żgur kien juri tbissima fuq wiċċu kadavru, kieku kien possibli huwa u jaqra l-ittra li l-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda li huwa ħolom biha, bagħtet lil martu bħala l-aħħar tislima, permezz tas-Segretarju li fost ħwejjeġ oħra jikteb hekk:

"...Għax aħna lis-Sur Caruana konna nirrispettawh mhux biss għal għerfu, imma wkoll għax kien jaqsam magħna, jew aħjar, aħna konna sħabu, f-ideal qaddis li ssokta stagħna wirt artna u għen ħafna biex għamilha nazzjon, liċ-ċkejkna Malta tagħna. Imma aħna konna nħobbuh għaliex fih konna naraw ġentlom umli, prudenti, imma sħiħ filfehma tiegħu dwar il-Malti li tiegħu kien difensur mill-kbar, anzi gwerrier qawwi." (52)

(1) Manuskritt, mhux ippublikat, li jiena sibt fil-kexxun personali taz-ziju, F.S. Caruana.

(2) **Is-Sebħ,** Qari bil-Malti Miktub mix-Xirka Xemia, Muscat, I Sena, Għadd II, p. 1, 1884.

(3) **Qari Għall-Maltin,** Maħruġ mix-Xirka Xemia, p. 27, 1885.

(4) **Is-Sebħ,** II Sena, XXIV Gadd, p. 6, 1886.

(5) **Il-Ħabib,** 20.5.19.

(6) **Il-Ħabib, — Ittra Miftuħa** — 4.11.19

(7) Manuskritt, op. cit.

(8) **Il-Ħabib,** 21.9.20.

(9) Manuskritt, op. cit.

(10) **Il-Malti, It-Tielet Ktieb,** p. 65, 1925.

(11) **Il-Malti, It-Tieni Ktieb,** p. 34, 1935

(12) **Leħen Is-Sewwa,** p. 7, 30-7-63.

(13) **Mifsud Bonnici** R., "Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku Nazzjonali".. D.O.I., 1960.

(14) Manuskritt, op. cit.

(15) **Il-Malti, L-Ewwel Ktieb,** p. 3, 1925.

(15a) **Rapport Fuq l-Alfabet Malti,** Muscat, 1921

(16) **Tagħrif Fuq Il-Kitba Maltija,** Stamperija tal-Gvern, 1924

(17) Manuskritt, op. cit.

(18) **F.S. Caruana** "Kif Tikteb tajjeb bil-Malti", serje ta' artikli fil-Ħabib, 1923

(19) **Ivo Muscat Azzopardi** — "Gazzetta tal-Kummunità Maltija fl-Eġittu" (il-data u l-paġna ma jidhrux il-cutting).

(20) Manuskritt, oj. cit.

(21) **Ħabib** — Ittra minn F.S. Caruana, 31.12.21

(22) **Il-Malti** — L-Ewwel Ktieb — p. 20, 1925.

(23) Manuskritt, op. cit.

(24) **Il-Malti — It-Tieni Ktieb,** p. 35, 1929.

(25) **Il-Malti — Ir-Raba' Ktieb,** p. 123/4 1932.

(26) **Il-Malti — Ir-Raba' Ktieb,** p. 101, 1929.

(27) **F.S. Caruana** — "Grammatka u Ortografija tal-Malti Fil-Qosor", Empire Press, 1932.

(28) **Mifsud Bonnici** R., op. cit.

(29) **F.S. Caruana** — "Grammatka" op. cit.

(30) **Il-Malti — L-Ewwel Ktieb** ,p. 26, 1930.

(31) **F.S. Caruana** — "Xi Verbi Maltin Bis-Suriet Imnissla Tagħhom", Empire Press, 1934.

(32) **F.S. Caruana** — "Verbi bil-Għ fl-**Aħħar** u Verbi Neqsin", Empire Press, 1934.

(33) **F.S. Caruana** — "Verbi bil-Għ fl-**Aħħar** u Verbi Neqsin", Empire Press, 1934.

(34) **Leħen Il-Malti** (Universita'). No. 17, p. 12, 1932.
(35) Manuskritt, op. cit.
(36) **Leħen Il-Malti** (Universita'), Numru Speċjali, p. 14, 1962
(37) Manuskritt, op. cit.
(38) **Ħabbar ta' Sant' Antnin,** Mejju 1918.
(39) **Ħabib,** Frara 1920
(40) **Vassallo K — "Vatum Consortium",** Dar ta' San Ċużepp, p 546, 1969.
(41) Ibid.
(42) **Il-Ħabib,** Diċembru 1920.
(43) **Almanakk Demokratiku,** 1925.
(44) **Malta Letteraria** — "Lingua Nostra", Empire Press, p. 1734, 19342.
(45) **Pronostku** 1926.
(46) **Vassallo K.,** op. cit., p. 305.
(47) **Aquilina G., "Il-Muża Maltija",** Aquilina, p. 108, 1964.
(48) Manuskritt, op. cit.
(49) **Aquilina G.,** op. cit, 107.
(50) **"Tagħlim Il-Malti Fl-Imgħoddi u L-Lum",** Lux Press. 1932.
(51) Manuskritt ta' **F.S. Caruana,** mhux ippublikat — "Kelmtejn ras ma' ras ma' Ninu Cremona f'egħluq il-85 sena tiegħu.
(52) Biċċa mill-ittra tas-Sur Zarb Adami lil mart il-mejjet F.S. Caruana, wara mewtu.

# ŻEWĠ DEMGĦAT

**Ta' Pawlu Cachia**

Rajt żewġ demgħat jaħarqu
iġelbnu mal-ħaddejn
bin-niket ta' l-imħabba
li deh'r fi ħbub għajnejn
ta' omm b'qalbha maqsuma
għal binha hekk marid
li ħalla dar twelidu
bla taf meta mill-ġdid
jitgħannaq hieni magħha
imfejjaq u felħan;
it-tama żżid titbiegħed
fid-dell ta' bla fejqan.
Il-ħila ta' kull bniedem
ma tista' tagħmel xejn
biex tnissel frott is-saħħa;
is-sliem jiddi fl-għajnejn.

Il-ġranet gerrbu u taru;
it-tfajjel dam l-isptar
sa feġġet tama ġdida
li setgħet tieħdu d-dar.

Rajt żewġ demgħat jaħarqu
iġelbnu mal-ħaddej
mimlija ħajr u barka
f'sedq u sliem 'il-Mulej.

22.7.70

# MONS. PROF. P.P. SAYDON

**Ta' Dun Karm Sant**

Nhar it-Tnejn filgħodu, 22 ta' April, 1971, xterdet l-aħbar li kien miet Mons. Prof. P.P. Saydon. Kienet aħbar ħażina għal Malta kollha iżda l-iktar għal dawk li jħobbu l-istudju, speċjalment tal-Kotba Mqaddsa u l-Malti. Mons. Saydon kien Membru Akkademiku ta' l-Akkademja sa mill-bidu nett, u dan l-aħħar President Onorarju għal ħafna snin.

Twieled iż-Żurrieq fl-24 ta' Lulju 1895. Studja l-iskola tal-Gvern tar-raħal, mnejn għadda għas-Seminarju Veskovili fl-1908; fl-1910 għadda mill-eżami tal-Matrikola. Daħal l-Università Rjali ta' Malta fejn studja Letteratura, Filosofija u Teoloġija u ħa l-gradi ta' B.Lit., B.L. Can., u D.D. u kien ordnat qassis fl-1919. Għamel studji ta' l-Iskrittura fl-Istitut Bibliku (1920-23) u ħa l-Liċenza fl-Istudji Bibliċi (Lic. S.S.). Fl-1931 kien maħtur Professur ta' l-Iskrittura, Lhudi u Grieg Bibliku fl-Università ta' Malta u hemm dam igħallem sas-sena 1964. Kien innominat Kamrier Sigriet tal-Qdusija Tegħu l-Papa bit-titolu ta' Monsinjur. Fl-1960 l-Università onoratu bil-grad ta' D. Lit (Hon. Causa) b'rikonoxximent tal-ħidma xjentifika tiegħu, speċjalment it-traduzzjoni tal-Bibbja.

Mons. Saydon kien iħoss li l-vokazzjoni tiegħu kienet l-istudju speċjalment tal-Kotba Mqaddsa u l-filoloġija tal-Malti. Għaliha issagrifika kollox. Kien ġej u sejjer barra biex jieħu sehem f'Kungressi u laqgħat internazzjonali ta' studju. Għalhekk kien magħruf sewwa fost l-istudjużi ta' barra. Kien Membru ta' għadd ta' għaqdiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istudju tal-Kotba Mqaddsa bħalma huma: il-**Catholic**

**Biblical Association** (USA), **Catholic Biblical Association** (Ingilterra), **Society for Biblical Literature** (USA) u **l-International Society for Old Testament Studies.**

Il-frott ta' din il-ħidma jidher fix-xogħlijiet stampati f'sura ta' artikoli u kotba, f'Malta u barra minn Malta. (Cfr. Saydon: **List of publications by the Members of the Teaching Staff of the University,** Malta 1964, p. 22-26). Iżda l-ikbar xogħol tiegħu hi t-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti mit-testi oriġinali.

Mil-lista li semmejna jidher li Saydon ħadem fil-qasam tal-Bibbja u tal-Malti, u x-xogħol tiegħu meta jinġabar kollu flimkien, jibqa' jinħass għal ħafna snin. Min irid irawwen il-Malti fuq sisien sodi ma jistax igħaddi mingħajru, sew għal dak li hu studju Bibliku kemm għal dak li għandu x'jaqsam mal-Malti.

Tarxien 15/4/1971.

---

# IL-PROFESSUR TABONE

F'din is-sena ġarrabna wkoll il-mewt ta' wieħed mill-Membri Akkademiċi l-aktar għeżież, il-Professur Reverend Pawl Antonio Tabone.

Il-Professur Tabone kien wieħed mill-Membri Akkademiċi l-aktar anzjani — għal bosta snin kien Membru tal-Kunsill tal-Akkademja. Kien igħallem id-Dritt Kanoniku lill-istudenti tat-Teoloġija u tal-Liġi fl-Università Rjali ta' Malta, imma kellu wkoll ħafna inkarigi oħrajn fil-Kurja tal-Isqof u fl-Ordni tal-Minuri Osservanti, li għamel ħafna snin magħhom; iżda fuq kollox hu kellu ġibda għall-kitba.

Il-Professur Tabone kien awtur ta' studji bit-Taljan u bl-Ingliż imma ħadem bla heda, bil-kelma u bil-pinna, biex jara li l-ilsien Malti jieħu l-post li jistħoqqlu fil-ħajja soċjali u kulturali f'dawn il-Gżejjer tagħna. Tant hu hekk li hu magħdud bħala wieħed mill-aħjar kittieba tal-Malti.

Nittamaw li f'numru ieħor inġibu tagħrif itwal fuq il-Professur Tabone u l-kotba tiegħu.